MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 31/2012

**Jack Attard, Rita Grech kemm f'isimha propju kif ukoll ghan-nom ta' huha l-imsiefer Coronato sive Cory Attard**

**Vs**

**John Farrugia u martu Grace Farrugia; Maria Attard u Carmen Cauchi, Francis sive Frankie Attard, Alfred Attard u Grace Farrugia b'nota tat-2 ta' Mejju 2012 giet nominata kuratur deputat sabiex tirraprezenta l-imsiefrin Anthony u Joseph ahwa Attard, ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti,

Rat li r-rikors guramentat jaqra hekk:

(1) Illi l-attur u l-konvenuti kollha hlief il-konvenuta Maria Attard u John Farrugia huma l-ulied u l-werrieta prezunti tal-istess konvenuta Maria Attard;

(2) Illi b'kuntratt tas-sitta u ghoxrin (26) t'April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro, il-konvenuta ommhom Maria Attard jidher illi bieghet lil bintha Grace Farrugia u lil zewgha John Farrugia s-sehem ta' nofs (1/2) indiviz spettanti lilha mill-fond bin-numru ghoxrin u wiehed u ghoxrin (20, 21) fi Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex u dan versu l-prezz ta' sebghin elf ewro (€70,000) u dan kif soggett ghall-kundizzjonijiet ohra li jirrizultaw mill-atti;

(3) Illi permezz ta' kuntratt iehor maghmul tlett ijiem wara u cioe fid-disgha u ghoxrin (29) t'April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) ukoll fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro, il-konvenuta Maria Attard jidher illi bieghet lill-istess bintha Grace Farrugia u lil zewgha John Farrugia s-sehem ta' kwart (1/4) indiviz tal-fond bin-numru tnejn (2) maghruf bhala 'Ta' Rendu' fi Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex u dan versu l-prezz ta' sebat elef ewro (€7,000);

(4) Illi fit-tieni kuntratt imsemmi l-konvenuta Maria Attard jidher li ddikjarat illi hija debitrici fil-konfront ta' bintha Grace Farrugia fis-somma ta' aktar minn mitejn u ghoxrin elf ewro (€220,000), liema ammont gie dikjarat illi gie misluf lill-attrici mill-konvenuti sabiex 'thallsu kontijiet u spejjez relatati mal-manutenzjoni u t-tgawdija tad-dar tar-residenza taghha kif ukoll sabiex thallsu flejjes lil terzi skont l-istruzzjonijiet u x-xewqat tal-attrici';

(5) Illi inoltre' fl-istess kuntratt gie dikjarat ukoll illi dan l-amont ta' mitejn u ghoxrin elf ewro (€220,000) ma jinkludix dak dovut lill-konvenuta Grace Farrugia ghal kuri, servigi u assistenzi li hija tat lill-konvenuta l-ohra Maria Attard;

(6) Illi qatt ma kien hemm skambju tal-ebda bilanc ta' flus li jissemmew f'dawna iz-zewg kuntratti;

(7) Illi b'hekk il-konvenuti konjugi Farrugia u l-konvenuta Maria Attard frawdolentement spussessaw lill-istess Maria Attard minn hwejjigha kif ukoll holqu dejn ezorbitanti u dan b'detriment ghas-sehem spettanti lil ulied u werrieta

prezunti tal-istess Maria Attard u ghalhekk kollox sar ghad-dannu tal-istess atturi u l-ulied rimanenti biex huma jigu mcahhda mid-drittijiet taghhom;

(8) Illi jidher car li dak li sar, sar b'kolluzjoni bejn il-partijiet li dehru fqu il-kuntratti hawn fuq deskritti biex jigu ppregudikati l-atturi;

(9) Illi l-konvenuti, konjugi Farrugia u Maria Attard b'ittra ufficjali gew interpellati biex jirrexxindu iz-zewg atti notarili fuq imsemmija, pero' baqghu inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zewg kuntratti u cioe' dak ta' bejgh ta' nofs indiviz tal-fond ghoxrin u wiehed u ghoxrin (20, 21) bejn Maria Attard u Grace u John konjugi Farrugia, datat is-26 t'April 2010 u l-kuntratt l-iehor, ukoll ta' bejgh ta' kwart indiviz mill-fond numru tnejn (2) ta' Rendu fi Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex bejn l-istess partijiet, datat id-29 t'April 2010, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro, ilkoll saru sabiex jigi defrawdati l-atturi mis-sehem spettanti lilhom mill-wirt prezunt ta' ommhom Maria Attard u biex jinkombu il-gid u l-wirt eventwali tal-istess Maria Attard b'dejn ezagerat u inezistenti;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija zewg kuntratti huma nulli u bla effett, u konsegwentement tordna r-rexissjoni, it-thassir u l-annullament taghhom, u

3. Okkorrendo tinnomina Nutar pubbliku, biex tippubblika l-atti ta' rexissjoni u thassir opportuni, fid-data, jum u lok li din il-qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop; u

4. Okkorrendo tinnomina kuraturi biex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess atti.

Bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficcjali kontra l-konvenuti illi minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti fir-risposta guramentata taghhom eccepew hekk:

1. Dwar il-fatti:

1.1 Dwar l-ewwel paragrafu attrici l-konvenuta Maria Attard hija hajja u huwa kompletament ridikolu li wiehed jitkellem dwar werrieta prezunti o meno. Il-konvenuta Maria Attard ghadha hajja u ma huwiex lecitu li n-nies jispekulaw x'hemm u ma hemmx fit-testment taghha;

1.2 Dwar it-tieni sas-sitt paragrafi attrici huwa minnu li saru dawn il-kuntratti u dawn il-kuntratti jirriflettu r-realta' tan-negozju bejn il-partijiet. Ma hemmx xejn simulat jew frawdolenti fil-kuntratti;

1.3 Dwar is-seba' u t-tmien paragrafi attrici ma huwiex minnu li dawn saru b'mod frawdolenti jew sabiex jippregudikaw id-drittijiet tar-rikorrenti (liema drittijiet f'dan l-istadju lanqas jirrizultaw). Il-kuntratti jirriflettu r-realta' bejn il-partijiet u dawk is-somomhuma realment dovuti;

2. Dwar l-eccezzjonijiet

2.1 Fl-ewwel lok in-nuqqas t'interess ta' l-atturi f'din l-azzjoni billi il-kuntratt huwa kuntratt milhuq bejn terzi li bl-ebda mod ma jolqot lill-istess atturi. Il-presunzjoni ta' eredita' ma taghti l-ebda lok ghall-interess guridiku;

2.2 Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess l-atturi ma humiex kredituri ghall-finijiet tal-actio pauliana;

2.3 Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju tal-premess ma kien hemm xejn frawdolenti jew mhux minnu fil-kuntratti de quo, u jonqsu l-elementi kollha ta' l-actio pauliana;

2.4 Illi fir-raba' lok huwa ridikolu u bla sens legali li wiehed jitkellem dwar wirt eventwali jew wirt prezunt tal-hajjin, ghax fir-rigward tal-hajjin ma jista' jsir l-ebda diskors ghat-testment taghhom;

2.5 Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2.6 Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari ghas-seduta tallum.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-kontendenti kollha hlief John Farrugia u Maria Attard huma ahwa. Maria Attard hija l-omm, mentri John Farrugia huwa zewgt Grace Farrugia.

L-atturi qeghdin jipprocedu b’din il-kawza peress li ommhom Maria Attard u ohthom Grace Farrugia u zewgha John dahlu f’kuntratti ta’ bejgh li permezz taghhom Maria Attard ittrasferiet proprjeta’ appartenenti lilha u kkostitwiet ruhha debitrici fil-konfront ta’ bintha Grace u zewgha John.

In vista ta’ dawn iz-zewg kuntratti, l-atturi jsostnu li bhala eredi prezunti tal-konvenuta Maria Attard gew mcahhda mid-drittijiet taghhom u dan b’mod frawdolenti peress li mhux minnu li Maria Attard hija debitrici fil-konfront ta’ Grace Farrugia u zewgha u lanqas huwa minnu li ghaddew xi flus fuq il-kuntratti. Ghalhekk qeghdin jitolbu r-rexissjoni, it-thassir u l-annullament taz-zewg kuntartti li saru u dan billi jezercitaw l-actio pauliana.

Illi din is-sentenza titratta z-zewgt eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuti.

<u>Nuqqas ta’ interess guridiku</u>

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew hekk:

*Fl-ewwel lok in-nuqqas t'interess ta' l-atturi f'din l-azzjoni billi il-kuntratt huwa kuntratt milhuq bejn terzi li bl-ebda mod ma jolqot lill-istess atturi. Il-presunzjoni ta' eredita' ma taghti l-ebda lok ghall-interess guridiku*

Illi dwar l-interess guridiku ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et**[1] fejn il-Qorti ta' l-Appell tenniet li l-ligi taghna tezigi li min jipproponi azzjoni gudizzjarja jrid ikollu interess guridiku, l-ghaliex altrimenti jkun ifisser li kull min ikun irid jivvessa lil xi hadd inutilment ikollu l-opportunita' shiha li jaghmel dan billi joqghod "jiqqortja" mieghu fuq kwalsiasi protest li jkun, imqar jekk il-materja lanqas biss tikkoncerna lilu. Din is-sentenza ghaddiet imbaghad biex telenka il-principji li ghandhom iservu ta' gwida li fuqhom ghandha timxi l-Qorti biex tirrisolvi vertenza ta' din ix-xorta. Il-principji huma s-segwenti :

(i) l-interess (guridiku) mehtieg irid ikun wiehed dirett, legittimu, kif ukoll attwali.

(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun misthoqq;

(iii) l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna ghandha d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, isir haqq jew tigi msewwija ngustizzja li tkun giet maghmula kontriha;

(iv) l-interess guridiku irid ikun iwassal ghal rizultat ta' utilita` u vantagg ghal min irid jezercita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal ghal tali rizultat ghal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi

[1] App Civ Nru: 621/2001 deciza fit-28 ta' Novembru 2003

(v) l-interess guridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza mmedjata tkun li l-imharrek jinheles milli jibqa' fil-kawza;

(vi) l-interess ta' l-attur ghandu jkun jidher mill-att tac-citazzjoni nnifisha. Ghalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux mehtieg li jkun imsemmi fic-citazzjoni, dan ghandu jirrizulta mill-provi jekk kemm-il darba jigi kkuntrastat;

(vii) fil-prattika gudizzjarja, wiehed jista' jippromuovi kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata ghal azzjoni definittiva u ahharija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta' accertament. Madankollu, f'kaz bhal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess mehtieg, anki preordinat ghall-kawza l-ohra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-ohra li tista' ssir aktar 'l quddiem;

(viii) l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghal jedd morali jew soggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku;

(ix) jekk azzjoni, ghalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun mahsuba biss biex tirreka hsara lill-imharrek bla ebda vantagg utli lill-attur tali azzjoni titqies bhala wahda illegali – azzjoni maghrufa fid-duttrina bhala wahda *acta ad aemulationem* – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess guridiku mehtieg.

Illi fl-ewwel premessa jinghad li l-atturi qeghdin jagixxu bhala 'ulied u l-werrieta prezunti' tal-konvenuta Maria Attard. L-azzjoni tentata minnhom hija l-*actio pauliana*.

Li l-atturi huma wlied il-konvenuta Maria Attard huwa fatt. Kwindi wiehed jista' jasal ighid li huma ghandhom interess dwar it-transazzjonijiet li tkun qed taghmel ommhom. Madankollu mhux kull interess huwa sufficjenti ghall-intavolar ta' azzjoni.

L-artikolu 831 tal-Kap 16 jistipula li *"is-successjoni tinfetah kif tigri l-mewt, jew dakinhar li tghaddi f'gudikat is-sentenza li biha jkun gie dikjarat illi l-persuna, li tas-successjoni taghha jkun irid isir il-ftuh, ghandha titqies mejta minhabba li tkun ilha assenti zmien twil".* Kwindi minn dan l-artikolu biss ukoll jemergi li ebda drittijiet ereditarji ma jiskattaw jekk ma tkunx sehhet il-mewt jew tkun hekk dikjarata.

Illi kif inghad mill-awtur **Butera** fil-ktieb 'Codice Civili Italiana'[2]:

*"Il diritto alla legittima, come diritto ereditario o successorio, e' un diritto, che nasce solo al momento dell'apertura della successione. Durante la vita del de cuius, si ha una semplice aspettativa, che la legge non tutela: percio' il discendente non puo' pretendere dal padre che gli assegni qualche cosa a titolo di legittima.........Dallo stesso principio deriva che il ius disponendi del genitore per donazione non subisce restrizione alcuna. Potra' essere promosso giudizio d'interdizione, quando ne concorrano le condizioni, a fine d'impedire indirettamente che il patrimonio sia tutto profuso in doni a favore di estranei; e' poi lecito, aperta la successione, intentare l'azione di riduzione o d'integrazione della legittima; ma non si puo' altrimenti sopprimere o limitare il-potere dispositivo, che il titolare ha, durante la sua vita, delle cose proprie, e neppure e' concesso al riservatario alienare anzi tempo il diritto alla futura legittima".*

S'intendi taht il-ligi taghna l-porzjon rizervata jew il-legittima kif kienet qabel maghrufa mhijiex *portio hereditatis.* Infatti qabel l-emendi il-legittima kienet *pars bonorum.* Wara l-emendi permezz ta' l-Att XVIII tal-2004 dik li kienet maghrufa bhala l-legittima nbidlet mhux biss fl-isem ghax issa hija maghrufa bhala porzjon rizervata izda nbidlet anke fis-sostanza ghaliex saret kreditu tal-

[2] 1940, Fit-Titotlo Delle Successioni Per Causa di Morte – Disposizioni Generali, pag. 161

wirt. L-artikolu 615(2) tal-Kodici Civili dwar il-porzjon rizervata jistipula li:

*“L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Mghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma’ dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta’ att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta’ sentejn:”*

Kwindi jrid ikun hemm wirt.

L-artikolu 591(1) tal-Kap 16 jistipula li *“Il-kelma ‘werriet’ tfisser il-persuna li favur taghha t-testatur ikun iddispona b’titolu universali’.* Sakemm persuna tkun ghadha hajja din il-persuna ghandha l-kontroll assolut fuq l-assi u l-patrimonju taghha. Id-dritt ghall-porzjon rizervata huwa dritt li huwa moghti permezz tal-ligi u sakemm ma jkunx hemm testment li permezz tieghu tkun giet dizeredata allura l-persuna ghandha dritt ghal dik il-porzjon rizervata. Biss pero’ biex ikun hemm kalkolu tal-patrimonju biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk it-testatur iddisponix oltre’ minn dak stipulat fil-ligi huwa process li jikkomprendi diversi passi.

L-artikolu 620 tal-Kodici Civili jipprovdi:

*“ (1) It-testatur ma jistax jghabbi s-sehem rizervat b’xi piz jew kondizzjoni.*

*(2) Is-sehem rizervat jigi kalkolat fuq l-assi kollu, wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali.*

*(3) Fl-assi jidhol dak kollu li minnu t-testatur, b’titolu gratuwitu, ukoll f’kontemplazzjoni ta’ zwieg, ikun iddispona favur ta’ xi hadd, minbarra l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tfal jew dixxendenti ohra.*

*(4) Dak li jmissu s-sehem rizervat ghandu jaqta’ minnu dak kollu li jkun ha minghand it-testatur u li jkun suggett*

*ghall-kollazzjoni taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 913 sad-938.*

*(5) Il-persuna li jkollha jedd ghas-sehem rizervat ghandha tiehu akkont tas-sehem taghha kull beni mhollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja ghal ebda disposizzjoni testamentarja favur taghha u titlob is-sehem rizervat, sakemm dik id–disposizzjoni testamentarja ma ssirx f'uzufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' uzu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta ghal zmien limitat".*

Referenza ssir ghall-artikoli 647 u 648 tal-Kodici Civili li jiddisponu s-segwenti:

***"647.** Id-disposizzjonijiet ta' testment, meta jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, ghandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, izda dan kemm-il darba t-talba tigi maghmula fiz-zmien imsemmi fl-artikolu 845."*

***"648.** Biex jigi stabbilit kemm ghandu jkun dan it-tnaqqis, ghandhom jitharsu dawn ir-regoli li gejjin:*

*(a) ghandha ssir gabra tal-beni kollha li jkun hemm fiz-zmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatghu minnhom id-djun;*

*(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ghandhom imbaghad jigu mghaqqdin maghhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;*

*(c) is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jinqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' min mir-ragel u l-mara jibqa' haj skont l-artikoli 615 sas-639".*

Huwa ovvju li dan il-process jiskatta wara l-mewt tat-testatur.

L-interess guridiku irid ikun wiehed attwali u hawnhekk l-azzjoni attrici tfalli stante li l-interess ta' l-atturi mhux

wiehed attwali u certament ma kienx jissussisti meta l-kawza giet prezentata.

Ghar-rigward ta’ eredi prezunti, fl-ewwel lok it-terminu fih innifsu wzat ‘prezunt’ ukoll jimplika li prezentement m’hemm l-ebda dritt izda biss aspettativa. Fil-kawza **A. Camilleri pen vs Marija Camilleri et**[3] il-qorti qalet *“l-eredi jidhlu fiz-‘zarbun’ tad-decujus mal-mewt taghha, u mal-mewt taghha, kisbu mhux dak kollu illi t-testarici kellha sal-mewt izda dak kollu illi l-ligi tghid li ghandhom jedd ghalih, dan fejn si tratta ta’ accettazzjoni ta’ wirt minghajr kondizzjoni kif kien il-kaz tal-lum”.*

Illi filwaqt li ghal dak li jirrigwarda l-porzjon rizervata din hija stipulata mil-ligi, jekk l-atturi humiex se jkunu eredi jew le tal-konvenuta Maria Attard hija kwistjoni li tiddependi mill-istess konvenuta – jekk tkunx mietet intestata jew b’testment u f’kaz li tkun halliet testment jekk innominathomx bhala werrieta. Certament li bhalissa l-atturi ma jistghux jivvantaw xi dritt ta’ eredi.

Il-patrimonju tad-*decujus* jigi determinat fil-mument tal-mewt. F’dan il-mument kollox ghadu ipotetiku – fl-ahhar mill-ahhar jista’ jkun li Maria Attard tiret lil terzi jew tircievi xi donazzjoni. Oltre’ dan l-istess atturi lanqas jafu jekk hux se jissopravvivu lill-istess ommhom. Kif nafu l-ligi tikkontempla diversi instituti bhal dizeredazzjoni, indenjita’ li wiehed jiret u l-obbligu tal-kollazzjoni fost ohrajn.

Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Dr V. Tabone et noe vs Onor. Domenico Mintoff noe et**[4] *“dan l-interess, biex ikun skond il-ligi, jehtieg li jkun, fost hwejjeg ohra, dirett u personali; ghaliex kif jinnota Mattirolo, ‘tranne i casi eccezionali in cui vedemmo ammessa l’azione popolare, non e’ammesso stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio o di persona che esso legalmente rappresenta’ (Diritto Giudiziario, Vol I, para.55). Ghalhekk mhux bizzejjed li jkun hemm interess generiku,bhal ta’min jagixxi biex il-ligi tkun osservata;*

[3] Rik Nru: 6/2011JZM, Prim’Awla tal-Qorti Civli (Sede Kostituzzjonali) deciza fit-23 ta’ Ottubru, 2012
[4] Appell deciz fis-7 ta’ Jannar, 1957

*difatti kif esprima ruhu l-Consiglio di Stato fil-kawza <Torsa contro Prefetto di Genova>, deciza fis-27 ta’ Ottubru 1905, <l’interesse generico che puo’ avere ogni cittadino a che siano osservate le leggi e bene amministrata la cosa pubblica,non puo’ costituire il substarto di un ricorso alla Quarta Sezione, il quale presuppone invece la lesione di un interesse proprio del ricorrente> (v. Giurisprudenza Cod. Proc. Civ. Ital. A cura Professor Messina ed altri, art. 36, no.460)....’* Fil-kaz inkwistjoni l-atturi m’ghandhomx *‘un interesse proprio’* u ghalhekk m’ghandhomx interess guridiku jippromwovu din l-azzjoni. M’ghandhomx interess personali ghaliex ma hemm ebda dritt fil-ligi li jintitolahom ghal tali pretensjoni. Fl-istess sentenza appena citata inghad ukoll li *‘l-interess ghandu jkun anke attwali, jigifieri, fil-kliem ta’ Mattirolo, <che esista al momento in cui si propone l’azione> (op. Cit, para. 47). U billi jrid ikun hemm lezjoni ta’ dritt, dina biss tohloq l-interess f’min isofriha li jagixxi gahr-rikonoxximent ta’ adk id-dritt. Huwa ghalhekk li l-interess irid ikun legittimu u konkret, u mhux bizzejjed li jken eventwali jew astratt - <soltanto un interesse attuale e concreto, e non un interesse contingibile ed eventuale,puo’ legittimare la domanda giudiziale> (Giurisp. Cit. Art. 36, para. 961). F’dan is-sens hija wkoll il-gurisprudenza taghna (Kollez. XXXIV-II-453, u XXXVI-1-127)’.* Kif diga’ inghad aktar ‘il fuq l-atturi m’ghandhomx interess attwali, legittimu u konkret u dan peress li qeghdin jivvantaw pretensjoni li f’dan l-istadju hija astratta.

Stabilit dan, il-qorti tista’ tieqaf hawn u ma tinoltrax ruhha fl-ezami tat-tieni eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u ghalhekk tillibera lill-istess konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez a karigu ta’ l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------